MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2008

Numru 1033/2005

IL-PULIZIJA

(Spettur Silvio Valletta)
(Spettur Carlo Ellul)

vs

Francis Formosa

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Francis Formosa ta’ 35 sena iben Francis u Jospehine nee’ Gatt mwieled Pieta’ nhar 19 ta’ Settembru 1970 u residenti No. 267, Triq F.S Caruana, B’Kara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 409470(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Nhar is-6 ta’ Novembru 2005, ghall-habta ta’ 9 ta’ filghodu gewwa r-Rabat (Malta) flimkien ma’ persuna ohra kkommetta serq ta’ diversi flus u oggetti tad-deheb minn fond ‘Utopia’ Triq Vincent Ferreri, Rabat, (Malta) liema serq hu aggravat bil-mezz, lok, u valur li jaccedi l-elf lira Maltin u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 261, 263a, 267, u 269g tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara taccedi l-(Lm50) hamsin lira Maltin u li sar ghad-detriment ta’ Oliver Vassallo u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 325 1b tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’ kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li nstab hati b’ sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali 19 ta’ Dicembru 2006 fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm previst fl-Artikoli 261 (b) (c) (g), 263, 267, 269, 279(b), 270, 271, 280, 325(a), 334, 289, 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li waqt l-udjenza tas-17 ta’ Mejju 2007 l-imputat iddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-3 ta’ Ottubru 2008 ghall-ewwel u t-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Rat li waqt is-seduta tat-3 ta' Ottubru 2008 kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza li t-tielet akkzua inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-istess imputat il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat kif minnu ammessi izda qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet akkuza stante li din inghatat bhala alernattiva ghall-ewwel akkuza.

Ikkunsidrat :
In kwantu jirrigwarda r-raba' akkuza u cioe' dik tar-recidiva l-Qorti ezaminat il-fedina penali tal-imputat (esebita a fol. 6 u 7 tal-atti processwali) minn fejn jirrizulta li fl-24 ta' Settembru 2002 l-imputat odjern gie liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien tlett (3) snin mid-data tas-sentenza. Ir-reati odjerni li taghhom l-imputat qed jinstab hati saru fil-5 ta' Novembru 2005 u ghalhekk mhux waqt il-perijodu ta' tlett snin liberta' kondizjonata. L-imputat ghalhekk ma jistghax jinghad li sar recididiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew li kiser il-kundizzjoni mposta fuqu minn din il-Qorti kif diversament presjeduta permezz tal-imsemmija sentenza. L-imputat sejjer ghalhekk jigi liberat mir-raba' akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa diga' kiser dufrejgh mal-gustizzja f'okkazjoni ohra fejn gie liberat bil-kundizjoni li

ma jikkommettiex reat iehor sa zmien tlett snin mid-data tas-sentenza izda l-Qorti jidrilha li m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva u ser tapplika dal li jiddisponi l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti kkunsidrat ukoll li t-tieni akkuza, u cioe' dik ta' hsara volontarja a tenur tal-Artikolu 325 tal-Kap 9, hija assorbita fl-ewwel akkuza stante li fl-ewwel akkuza inghata l-aggravju tal-mezz u ghalhekk il-Qorti ser tapplika d-disposizzjoni tal-Artikolu 17 (h) tal-Kap. 9.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(h), 28A, 261 (b) (c) (g), 263, 267, 269, 279(b), 270, 271, 280 u 325(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tiddikajra li qed issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal perijodu ta' erba' (4) snin millum.

Ghar-ragunijiet spjegati aktar 'il fuq il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat u qed tiddikjara lill-imputat mhux hati tar-raba' akkuza migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement tiliberah mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------